MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 6/2003/1

**Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D., socjeta` estera rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**
**v.**
**Valfracht Maritime Co. Ltd u Valfracht Roro Line Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat mis-socjeta` Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D. fl-10 ta' Jannar, 2003 li permezz tieghu ssottomettiet is-segwenti:-

Illi fl-1 ta' Ottubru 2002 is-socjeta` rikorrenti ottjeniet lodo arbitrali favorevoli kontra z-zewg socjetajiet intimati u dan in segwitu ta' proceduri ta' arbitragg li saru gewwa Londra;

Illi bis-sahha ta' l-imsemmi lodo, is-socjetajiet intimati gew kundannati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-segwenti ammonti:-

1. is-somma ta' mija u elf, erba' mija u sitt dollari amerikani u tnejn u tmenin cents (US$ 101,406.82) bl-imghaxijiet indikati fl-istess lodo rappresentanti "hire" dovut in segwitu ta' Charterparty datat 8 ta' Settembru 1993 relattivament ghall-bastiment "m.v. LIPA";
**2.** is-somma ta' tmien telef tlett mija u hamsa u disghin Lira Sterlina (GBP 8,395.00) spejjes tal-arbitri, kif ukoll l-ispejjes inkorsi mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri, liema spejjes ghadhom mhux kwantifikati;
**3.** is-somma ta' ghaxar telef u disa' mitt Lira Sterlina (GBP 10,900.00) rappresentanti spejjes giudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti fi proceduri ta' appell istitwit quddiem is-Supreme Court;

Illi skond l-istess lodo, it-talbiet rikonvenzjonali dedotti mis-socjetajiet intimati fil-konfront tar-rikorrenti gew michuda in toto;

Illi bis-sahha tad-disposizzjonijiet tal-Att Numru II tal-1996, peress illi l-ftehim arbitrali kif inkorporat fic-Charterparty hawn fuq indikat jirresali ghall-1993 u l-proceduri ta' arbitragg inbdew f'Mejju tal-1999 u kienu ghadhom pendenti fid-data tal-bidu fis-sehh tal-Att II tal-1996, is-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt li tirregistra dan il-lodo arbitrali fir-registru tal-Qorti Civili Prim'Awla sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li dan il-lodo jista' jigi ezegwit hawn Malta u dan skond ma kien ipprovdut fil-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie emendat bis-sahha tal-imsemmi Att II tal-1996.

Dan premess is-socjeta` rikorrenti talbet li din il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' l-lodo arbitrali moghti gewwa Londra fil-proceduri fl-ismijiet premessi fl-1 ta' Ottubru

2002 a tenur tal-Kap 52 ta' l-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli qabel il-bidu fis-sehh tal-Att II tal-1996.
Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta` rikorrenti.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati fejn gie sottomess:-

Illi t-talba tar-rikorrenti nomine ghar-registrazzjoni tal-lodo arbitrali moghti gewwa Londra fil-proceduri fl-ismijiet indikati fl-1 t'Ottubru, 2002 a tenur tal-Kap 52 tal-ligijiet ta' Malta, kif applikabbli qabel il-bidu fis-sehh tal-Att II tal-1996, ghandha tigi michuda ghas-sewgenti ragunijiet:-

1. Illi fl-ewwel lok mhux applikabbli l-procedura li qed tigi nvokata taht il-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta w dana ghaliex bid-dhul fis-sehh tal-Att Dwar l-Arbitragg (Att II tal-1996) inbidlet id-definizzjoni ta' "Sentenza" kontenuta fl-artikolu 2 tal-British Judgements (Reciprocal Enforcement) Act.

Illi di fatti, bl-emendi li saru ghal dan l-ahhar Att bl-Att II tal-1996, fid-definizzjoni ta' sentenza, ma ghadx hemm referenza ghal xi lodo ta' tribunal arbitrali, izda biss ghal sentenzi jew ordni moghtija minn Qorti fi procedimenti civili jew kummercjali. Illi kjarament dan mhux il-kaz. Illi l-Att II tal-1996, kif emendat bl-Att XVIII tal-1999, (Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal in vigore bl-A.L. 58/2000 u 179/2000), dahal in vigore kollu qabel ma nghata l-lodo arbitrali in kwistjoni fl-1 t'Ottubru, 2002 u cioe` in parti fit-23 ta' Frar, 1998 (A.L. 62/1998), in parti fit-23 ta' Marzu, 2000 (A.L. 46/2000) u in parti fl-1 t'Awissu, 2000 (A.L. 143/2000) u ghalhekk il-lodo in kwistjoni ma jistax jigi registrat kif mitlub fir-rikors odjern taht il-Kap 52.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, anki kieku kien ghadu in vigore l-Kap 52 ghall-kaz odjern, biex ir-rikorrent nomine jkun jista` jirregistra l-lodo in kwistjoni, fl-ewwel lok irid jipprova li dan il-lodo arbitrali kien skond il-ligi tal-pajjiz ezegwibbli bl-istess mod bhal sentenza moghtija minn Qorti f'dak il-post. Dan johrog mid-dicitura tal-artikolu 2 tal-Kap 52, kif kienet il-ligi qabel l-Att II tal-1996 u li kien jghid testwalment hekk:-

“judgement” means any judgement or order given or made by a court in a civil or commercial proceedings, whether before or after the passing of this Act, whereby any sum of money is made payable; and includes an award in proceedings on an arbitration if the award has, IN PURSUANCE OF THE LAW IN FORCE IN THE PLACE WHERE IT WAS MADE, BECOME ENFORCEABLE IN THE SAME MANNER AS A JUDGEMENT GIVEN BY A COURT IN THAT PLACE;” (emfasi tal-esponenti)

Illi ghalhekk jinkombi fuq ir-rikorrent li jaghmel tali prova, okkorrendo billi jipproduci “expert witnesses” fuq il-ligi ingliza jew kull prova ohra xierqa w opportuna li tista’ tirrikjedi din l-Onorabbli Qorti biex jigi stabilit dan il-pre-rekwizit biex lodo arbitrali esteru jkun jista’ jintalab l-ezekuzzjoni tieghu hawn Malta billi jigi registrat lokalment.

3. Illi jekk - kif donnu qed jargumenta r-rikorrent nomine – lanqas il-proceduri ta’ l-Att II tal-1996, ma japplikaw ghall-kaz odjern, ghax kieku ma pprocediex kif qed jipprocedi, ir-rikorrent imissu ghamel kawza bil-procedura tac-citazzjoni fejn talab l-esekuzzjoni tal-lodo arbitrali quddiem il-Qorti Civili Prim’Awla u mhux irrikorra ghall-procedura specjali odjerna li kif intqal tapplika biss ghall-sentenza moghtija minn Qorti ingliza.

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel tlitt eccezzjonijiet, anki kieku kien applikabbli l-Kap 52 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-imsemmi lodo, dana xorta wahda mhxu registrabbli ghaliex:-

a) ghall-inqas mill-kopja tar-rikors notifikata ill-esponenti, ma jidhirx li giet annessa mar-rikors odjern xi kopja legali w awtentika tal-lodo arbitrali w dana ghaliex ma hemm ebda referenza ghal xi dokument anness mar-rikors u l-esponenti lanqas ma gew notifikati b’xi kopja tieghu flimkien mar-rikors in ezami.

b) l-esponenti qatt ma gew notifikati skond il-procedura lokali b’xi kopja awtentika tal-lodo arbitrali sal-lum.

c) f'kull kaz, il-lodo gie ottenut b'qerq fil-kontest tal-art. 3(2) (d) tal-Kap 52, kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tar-rikors u senjatament ghax kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi minn naha ta' Losinjska Plovidba Brodarstvo fil-kors tal-proceduri arbitrali, partikolarment dwar il-kwistjoni ta' konsum ta' gas oil fuel mill-vapur LIPA meta kien qed jimmanuvra u f'ibhra maghluqa. L-esponenti jirrizervaw ghalhekk id-dritt li, okkorrendo, iressqu provi ta' din l-allegazzjoni quddiem din il-Qorti;

d) hemm umbaghad ragunijiet ta' ordni pubbliku li jirrendu tali lodo arbitrali mhux registrabbli skond l-art. 3(2)(f) tal-Kap 52, u senjatament ghaliex gew iffissati interessi u imghax oghola minn dak permess mil-ligi Maltija ossia 8% simple interest per annum, mentri fil-lodo arbitrali gie ordnat hlas ta' imghax bi tlitt rati differenti ta' 6.75%, 6% u 6.5% imma b'"COMPOUND INTEREST" "compound at three monthly rests" u dan igib ovvjament rata ta' imghax oghola minn dak permess mill-ligi Maltija.

5. B'rizerva ta' kull dritt spettanti lill-esponenti taht l-artikolu 3(4)(d) tal-Kap 52, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddecidi li dan il-Kapitolu hu applikabbli ghall-kaz odjern.

B'sentenza preliminari tal-**10 ta' Ottubru, 2003** din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet intimati billi ddikjarat li ghall-kaz sottoezami japplikaw il-provvedimenti tal-Kap 52 qabel ma dan gie emendat bl-Att II tal-1996 u cioe` l-Att dwar l-Arbitragg biex b'hekk il-lodo ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 ottenut mis-socjeta` rikorrent gewwa l-Ingilterra huwa registrabbli in kwantu l-istess Att kien jipprovdi li huma registrabbli mhux biss sentenzi tal-qrati inglizi izda "ukoll decizjoni fi procedimenti ta' abritragg jekk id-decizjoni, skond il-ligi li tkun fis-sehh fil-lok fejn tkun giet moghtija, tkun saret esegwibbli bhala sentenza moghtija minn qorti f'dak il-lok."

**Ikkunsidrat:-**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina d-diversi eccezzjonijiet sollevati mill-intimati fil-meritu in opposizzjoni ghat-talba kontenuta fir-rikors promotur, trid

tigi ezaminata l-ewwel kwistjoni u cioe` jekk l-lodo arbitrali imsemmi fir-rikors promotur jaqghax taht il-paramentri ta' dak li trid il-ligi biex tkun tista' tigi ordnata r-registrazzjoni. Qed jigi sottomess f'dan ir-rigward li gia la darba bis-sentenza preliminari fuq imsemmija gie stabbilit li ghal kaz in ezami ghandu japplika l-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi introdotti bl-Att II tal-1996, ir-rikorrent jrid jissodifa din il-Qorti li l-lodi arbitrali kien skond il-ligi tal-pajjiz ezegwibbli bl-istess mod bhal sentenza moghtija minn Qorti f'dak il-post. Dan ghaliex qed jigi rilevat li 'award' jidhol taht id-definizzjoni ta' sentenza u konsegwentement tista' tintalab ir-registrazzjoni tieghu "*if the award has, in pursuance of the law in force in the place where it was made, became enforceable in the same manner as a judgement given by a court in that place.*" Dan jfisser, skond is-socjetajiet intimati, li ma jistax jintalab ir-registrazzjoni ta' dak l-award arbitrali ghall-fini tal-artikolu 3 tal-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm-il darba ma jintweriex li dak il-lodo seta' jigi ezegwit bhal kull sentenza tal-qorti fejn inghata l-istess lodo.

Mhux kkontestat li meta gie intavolat ir-rikors promotur ma kien hemm ebda evidenza li s-socjeta` rikorrenti kienet talbet u otteniet minn Qorti kompetenti ingliza dikjarazzjoni li l-lodo arbitrali ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 kien ezegwibbli bhal kull sentenza ohra tal-qrati Inglizi. Infatti jirrizulta li l-istess socjeta` rikorrenti, rinfaccjata bl-eccezzjoni fuq imsemmija, resqet applikazzjoni fil-High Court of Justice Queen's Bench Division biex tikseb ordni mill-istess qorti "*to enforce the Final Arbitration dated 1 October 2002 in the same manner as a Judgement or Order.*" Liema ordni nghatat fl-1 ta' April, 2003 u cioe` wara li gew isttwiti dawn il-proceduri.

F'dan ir-rigward qed jigi sottomess mill-intimati li r-rikors qatt ma jista' jigi milquh minn din il-Qorti billi fid-data tal-presentata tar-rikors l-istess lodo ma kienx "*enforeable in the same manner as a judgement given by a court in that place"* u li kull azzjoni jew kull pronunzjament tal-qorti estera fil-mori ta' dawn il-prceduri, qatt ma jista' jissana nuqqas originali. Inoltre qed jigi wkoll sottomess li l-ordni moghti mil High Court tal-ingilterra fl-1 ta' April, 2003

huwa vizjat billi l-intimati qatt ma ssottmettew ruhhom ghal gurisdizzjoni ta’ dik il-Qorti li ghalhekk ma setghetx tippronunzja ruhha fir-rigward taghhom.

Illi minn ezami tad-dokumenti ezebiti mis-socjeta` rikorrenti u senjatament l-proceduri quddiem il-High Court of Justice, Queen’s Bench Division jidher li l-kwistjoni tal-esegwibilita` tal-lodo fil-gurisdizzjoni ingliza hija merament formalita` u ma tirrekjedi la n-notifika tal-kontro-parti u anqas smigh. Il-kompitu tal-qorti huwa ristrett hafna u anzi jidher li jikkonsisti biss fil-hrug ta’ dikjarazzjoni a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 66 tal-Arbitration Act tan-1996. Dan ghaliex, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-lodo, dment li ma jkunx appellat kif jipprovdi l-istess Arbitration Act tan-1996 jaghmel stat fil-konfront tal-partijiet li jkunu hadu sehem fil-proceduri arbitrali u l-Qorti li tiddikjara dak il-lodo bhala ezegwibbli bhal kull sentenza ta’ Qorti, qatt ma tista` tagixxi bhala qorti ta’ revizjoni.

Illi minn dan jidher li d-dikjarazzjoni ta’ Qorti fil-gurisdizzjoni ta’ fejn inghata l-lodo hija semplicement formalita` billi fi kwalunkwe kaz dak il-lodo jorbot il-partecipanti u tali dikjarazzjoni hija mehtiega biss bhala mizura procedurali. Inoltre jigi rilevat li llum giet ottenuta dikjarazzjoni ta’ ezegwibilita` anke mill-qrati inglizi u ghalhekk ghandhom japplikaw r-regoli tal-jus supervenjiens billi ma jkunx gust li minhabba nuqqas procedurali l-kreditur fi proceduri ta’ arbitragg jigi ezawtorat milli jissokta bit-tentattiv tieghu li jottjeni dak li haqqu.

Sorvolata din il-kwistjoni din il-Qorti issa trid tezamina dawk eccezzjonijiet fil-meritu sollevati mis-socjetajiet intimati biex tiddetermina jekk ghandhiex tigi ammessa r-registrazzjoni tad-decizjoni arbitrali fuq imsemmija biex din ikollha effett ezekuttiv fl-ambjent lokali.

L-eccezzjonijiet li saret enfazi dwarhom u li in realta` ghandom jikkoncernaw din il-Qorti huma dawk indikati bl-ittri [c] u [d] tal-paragrafu 4 tan-nota responsiva tas-socjietajiet intimati. Dawn l-eccezzjonijiet jitkellmu dwar “qerq” fl-otteniment tal-lodo u “ordni pubbliku”.

**Dwar l-eccezzjoni bazata fuq 'qerq'.**

Qed jigi sottomess li l-lodo gie ottenut b'qerq fil-kuntest tal-art. 3(2)(d) tal-Kap 52 senjatament ghaliex kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi minn naha ta' Losinjska Plovidba Brodarstvo fil-kors tal-proceduri arbitrali, partikolarment dwar <u>il-kwistjoni ta' konsum ta' gas oil fuel mill-vapur LIPA meta kien qed jimmanuvra u f'ibhra maghluqa.</u>

Din il-kwistjoni kienet tifforma l-meritu ta' kontro talba tas-socjetajiet intimati fil-proceduri arbitrali meta kien qed jigi sottomess li huma ma kellhom ihallsu ebda bilanc lis-socjeta` rikorrenti in kwantu kien hemm "overconsumption of gas oil in the auxiliary engines over a large number of voyages performed by the vessel amounting to $273,742.46." Il-kwistjoni kienet tirrivolvi dwar interpretazzjoni tac-Charterparty li kien gie iffirmat bejn il-kontendenti u senjatament jekk ic-chaterer kienx ta garanzija dwar il-konsum ta' gas oil. Din il-kwistjoni giet ezaminata mill-arbitri mahtura mill-partijiet a tenur tac-Charterparty li, permezz ta' Interim Final Arbitration Award <u>on Preliminary Issue</u>, moghti fit-12 ta' Lulju 2000, esprimew ruhom favur it-tezi tas-socjetajiet intimati billi rritenew hekk(ara fol. 294 ta' l-atti):

"*<u>We find and hold that</u> the term "without guarantee" does not absolve the Owners from any Warranty as to fuel consumption of the ship's main or auxiliary engines. We further find that the warranted fuel consumptions set out in Clause 26 of the Charter Party are modified to the extent of 5% by the word "about" wherever it appears before a figure for fuel consumption and is further modified by a further 5% by the term "all details given in good faith but without guarantee" which appears at the end of Clause 26.*"

Izda dan l-Interim Award gie appellat mis-socjeta` rikorrenti u b'sentenza tal-High Court of Justice, Queen's Bench Division Commercial Court moghtija fit-2 ta' Frar,

2001 (ara fol.297 et seq. dik il-Qorti rrevokat l-istess Interim Award billi fil-parti konkluziva tas-sentenza qalet li "*I therefore conclude that answer to the point of law raised on this appeal is that the charter-party does not contain a warranty about the vessel's rate of fuel consumption.*" (fol. 301).

Konformement ma' din is-sentenza l-lodo ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 cahad il-kontro-talba tas-socjetajiet intimati billi hemm jinghad hekk:

**"A. We find and hold that the Charterers' counterclaims for overconsumption of MGO and for the costs for lashing and unlashing cargo fail and are dismissed."**

Minn dan jidher li l-ilment tas-socjetajiet intimati dwar l-konsum eccessiv ta' gas oil mhux talli gie propost fil-proceduri ta' arbitragg, izda kien jifforma meritu ta' sentenza preliminari kif ukoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ingliza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif f'dawn il-proceduri l-istess intimati jippretendu li din il-Qorti taghti kredibilita` ghall-ilment taghhom. Din l-eccezzjoni ghalhekk ma tistax tigi milquha.

**L-aspett ta' l-ordni pubbliku.**

Qed jigi sottomess mill-intimati li dan il-lodo wkoll ma jistax jigi registrat billi fih provvedimenti li jmorru kontra l-ordni pubbliku Malti. Dan partikolarment billi, skond l-istess intimati, l-imghaxijiet akkordati mill-arbitri jmorru kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusa bit-tmienja fil-mija fis-sena.*" Fil-lodo insibu tlett rati ta' imghax li in realta` huma kollha inferjuri ghall-massimu ta' 8% kontemplat fl-artikolu citat, biss qed jigi sottomess li gja la darba dan l-imghax huwa imghax kompost li jippermetti imghax fuq imghax bil-kapitalizazzjoni kull tlett

xhur, dan igib rata ta' imghax oghola minn dik permessa mil-ligi.

Din il-Qorti mhux kompetenti in materja ta' komputazzjoni ta' imghaxijiet komposti u ghalhekk ma tistax la taccetta u lanqas tichad is-sottomissjoni tas-socjietajiet intimati. B'dana kollu jidher li l-ilment mressaq b'din l-eccezzjoni mhux gustifikat. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq il-paragrafu (f) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li ebda ordni ghar-registrazzjoni ta' sentenza taht dan l-artikolu ma jigi moghti jekk:
(f) *is-sentenza kienet moghtija dwar azzjoni li ghar-ragunijiet ta' ordni pubbliku jew ghal ragunijiet ohra bhal dawn, ma kenitx tista' tigi milqugha mill-qorti registratrici.*

Minn ezami ta' dan il-provvediment jidher li l-enfazi huwa fuq il-kelma "azzjoni" u trid tkun din l-azzjoni li tmur kontra l-ordni pubbliku biex l-lodo ma jkunx jista' jigi registrat. Fil-kaz in ezami l-meritu tal-kontestazzjoni li wassal lill-partijiet ghall-proceduri ta' arbitragg ma kellu x'jaqsam xejn ma' kwistjoni tar-rata ta' imghax li kellha tigi applikat, billi kif jidher mir-raba' paragrafu tal-award, "*The owners claimed an outstanding balance of hire of US$127,659.29. The Charterers denied any outstanding balance in the Owners' favour and counterclaimed overconsumption of gas oil in the auxiliary engines over a large number of voyages performed by the vessel amounting to $273,724.46*" (fol. 5). Dan kien proprjament il-meritu tal-vertenza u fil-parametri ta' dan il-litigju din il-Qorti ma tirraviza ebda ksur ta' l-ordni pubbliku.

Issa huwa minnu li l-lodo jikkontempla imghaxijiet fuq imghaxijiet li jistghu teoretikament jwasslu ghall-imghax b'rata superjuri ghal dik kontemplata fl-artikolu fuq imsemmi. Dan pero' fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandux iwassal ghac-cahda ta' registrazzjoni tal-award billi tali imghax ma jifformax il-meritu proprju tal-lodo izda jikkostitwixxi element sekondarju li ma ghandux jiddisturba l-ezigibilita` tal-kapital likwidat fid-decizjoni arbitrali. F'dan ir-rigward din il-Qorti tikkondividi dak li qalet din l-istess qorti, diversament komposta, fis-sentenza moghtija fit-23

ta’ Ottubru, 1991 fil-kawza ***Dr. Giannino Caruana Demajo noe v. Bruce Dowling*** u ghalhekk, fil-parti dispositiva, sejra tordna li, fir-rigward tal-imghax akkordat fid-decizjoni arbitrali s-socjeta` rikorrenti ma tkunx tista’ tezigi imghaxijiet in eccess ghal dawk permessi bil-ligi nostrana.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta tas-socjetajiet intimati, tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk tordna r-registrazzjoni tal-lodo arbitrali moghti gewwa Londra fil-preoceduri fl-ismijiet premessi fl-1 ta’ Ottubru 2002 a tenur tal-Kap. 52 tal-Ligijiet ta’ Malta kif applikabbli qabel il-bidu fis-sehh ta’ l-Att II tal-1996, b’dana li ghal dak li jikkoncerna l-imghax fuq il-kapital ezigibbli mis-socjeta` kreditrici rikorrenti dan qatt ma jista’ jeccedi l-massimu permess mil-ligi Maltija u cioe` ta’ 8%.

Is-socjetajiet intimati qed jigu wkoll kundannati jhallsu l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------